23 ta' Jannar, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Onorevoli Prof. Robert V. Galea, O.B.E., A. & C.E., LL.D. (Honoris Causa, Bristol), D.Sc., M.L.A.

*versus*

Onorevoli Mabel E. Strickland, O.B.E., M.L.A.

**Assemblea Leġislativa — Elezzjonijiet — Proċedura — Ċitazzjoni — Malleverija — Nullità — Art. 247 (2) u 791 (1) (a) tal-Kap. 15 — Art. 10 tal-Malta Constitution Letters Patent, 1947.**

*L-artikolu tal-liġi li jirrigwarda l-malleverija għall-ispejjeż ta' l-appell jirriferixxi għall-proċeduri fil-grad ta' appell, u ma jistax ikun applikabili għal azzjoni li ssir quddiem il-Qorti ta' l-Appell b'ċitazzjoni li biha jiġi kontestat id-dritt li wieħed jiġi elett bħala membru ta' l-Assemblea Leġislativa, jew, wara li jiġi elett, li jkompli joqgħod u jivvota f'dik l-Assemblea.*

*Għaldaqstant, iċ-ċitazzjoni li ssir fil-Qorti ta' l-Appell għal kontestazzjoni simili ma hix nulla minħabba li ma tkunx akkumpanjata minn malleverija għall-ispejjeż tal-kawża.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur qal li, peress li l-konvenuta fl-Elezzjonijiet Ġenerali ta' l-Assemblea Leġislativa, li saru f'Mejju 1951, ġiet nominata kandidata u eletta biex tirrappreżenta r-Raba' Distrett Elettorali; u peress illi l-konvenuta, fiż-żmien li ġiet hekk eletta, kellha sehem u kienet membru ta' ditta, u direttriċi jew manager ta' kumpannija, jiġifieri "The Allied Malta Newspapers Limited", "Progress Press Limited", "Times of Malta", "Il-Berqa", u l-"Malta Times and Imperial Services Gazette", li kellha sehem f'kuntratti li kienu fis-seħħ mal-Gvern Malti u għal jew f'isem is-Servizz Publiku, u għalhekk ma kienetx kwalifikata li tkun maħtura membru ta' l-Assemblea Leġislativa u li toqgħod tivvota fiha; u peress illi l-konvenuta, bħala membru ta' l-Assemblea Leġislativa, ħadet sehem, u d-ditta li l-konvenuta hi membru tagħha, jew li tagħha hija direttriċi jew manager, ħadet sehem, f'kuntratti mal-Gvern Malti għal jew f'isem is-Servizz Publiku, u għalhekk hi ma

għandhiex dritt tieħu parti fid-dibattimenti ta' dik l-Assemblea u tivvota, u l-post tagħha bħala membru fl-Assemblea tbattal; u peress li l-konvenuta safet membru ta' ditta, jew direttriċi jew manager ta' kumpannija li għandha sehem f'kuntratti fis-sehħ kif imsemmi iżjed 'il fuq, u għalhekk il-post tagħha *tbattal* u għadu battal; u *talab li*, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, jiġi minn din il-Qorti dikjarat (1) li hija ma kienetx kwalifikata fl-Elezzjoni Generali msemmija fuq li tkun eletta membru ta' l-Assemblea Leġislativa, (2) li wara li ġiet eletta ma kienetx tista' l-istess konvenuta, u ma tistax, toqgħod u tivvota fl-imsemmija Assemblea, (3) li l-post tagħha *bħala membru ta' l-Assemblea* msemmija tbattal u hu battal, u hija ma tistax tieħu parti u tivvota ma' l-istess Assemblea, u (4) tiġi kundannata li tiddeżisti milli tmur tieħu parti u tivvota fis-seduti ta' l-Assemblea Leġislativa; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li tibqa' mħarrka għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuta, li biha eċċepiet preliminarment in-nullità taċ-ċitazzjoni (art. 247 (2) u 792 (1) (a) Proċedura Ċivili); fil-meritu, li l-esponenti kellha l-kwalifiki neċessarji biex tiġi, kif ġiet, eletta membru ta' l-Assemblea Leġislativa, u qatt ma tilfet l-istess kwalifiki kif allegat fiċ-ċitazzjoni, b'mod li l-post tagħha qatt ma vvaka, u hija kellha u għad għandha dritt li toqgħod fil-laqgħat ta' l-Assemblea u tivvota. F'kull każ, it-tieni domanda hija superfluwa, billi kontenuta fl-ewwel waħda, u l-aħħar domanda hija irritwali, billi s-sentenza li eventwalment tista' tingħata fir-rigward tagħha ma tkunx suxxettiva ta' eżekuzzjoni, b'mod li l-ispejjeż relativi għandu dejjem ibatihom l-attur; għalhekk l-esponenti għandha tiġi meħlusa middomandi attriċi;

Semgħet id-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Fuq il-preġudizzjali sollevata mill-konvenuta, fis-sens illi ċ-ċitazzjoni hija nulla in bażi għall-art. 247 (2) u 792 (1) (a) Kap. 15;

Illi mill-kontest ta' l-art. 247 jidher ċar illi dak l-artikolu qiegħed jirriferixxi għall-proċedura fil-grad ta' appell. Għalhekk dak l-artikolu, li qiegħed taħt it-titolu ta' l-Appel-

li, ma jistax ikun applikabili għall-azzjoni odjerna, li hija essenzjalment proċedura ta' prima u unika istanza in bażi għall-art. 10 tal-*Malta Constitution Letters Patent, 1947;*

Illi f'dan il-każ il-proċedura qiegħda ssir b'ċitazzjoni għaliex dina l-proċedura b'ċitazzjoni hija l-proċedura normali fil-Prima Istanza, skond ir-regoli ġenerali statwiti fl-art. 153 u segwenti, u f'dawn il-prinċipji ġenerali ma hemmx imposta l-garanzija;

Illi dan hu konfermat mill-prattika kostanti, in kwantu li f'materja simili, ta' kawżi elettorali deferiti għall-konjizzjoni ta' din il-Qorti, qatt ma ġiet mogħtija ebda garanzija (ara "Dr. Mifsud Bonnici vs. Ullo Xuereb" 27 ta' Ottubru 1924, "Prof. Bartolo vs. Contino Preziosi" 2 ta' Lulju 1928, "Valenzia vs. Arrigo" 18 ta' Marzu 1929, "Micallef Goggi vs. Col. Vella" 25 ta' Ġunju 1930, u "Micallef Goggi vs. Mifsud" 25 ta' Ġunju 1930);

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-eċċipjenti.

---